MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2783/1997/1

Kawza fil-lista: 33

**A mart B C f' ismiha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri D, E u F ahwa C**
**Vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Dicembru 1990 fil-Knisja ta' San Duminku, l-Belt Valletta u mil-liema zwieg twieldu tlett itfal minuri D, E u F ahwa C.

Peress illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, mohqrija u inkompatibilita' ta' karattru da parti

tieghu b'rizultat li rrenda impossibli l-hajja konjugali ta' bejniethom.

Peress illi l-konvenut mhux qed imantni lill-attrici u lill uliedhom kif inhu obbligat jaghmel skond il-ligi.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha 'ad mensa et thoro' skond id-digriet tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili numru 1015/97 hawn anness u mmarkat bhala dokument "A".

Jghid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali 'ad mensa et thoro' bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputtabli ghall-konvenut.

2. tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri D, E u F ahwa C f'idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti.

4. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjonu u jipproponi pjan ta' qasma u okkorrendo tinnomina Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur bix jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att.

5. tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 56, 58, 59 tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

6. tordna ukoll illi l-attrici tiehu kunjom xbubitha biex b’hekk isir l-annotament mehtieg fir-Registru Pubbliku biex minn C kunjomha jsir Borg.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michusa bl-ispejjez stante illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti m’;ghadiex aktar possibbli unikament minhabba tortijiet imputtabli lill-attrici, fosthom loghob ta’ l-azzard u adulterju, kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Illi, ghar-rigward ta’ l-ewwel (1) u s-sitt (6) talba, l-eccipjent ma jopponix.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni personali**

Illi l-bazi fattwali tal-azzjoni odjerna diretta principalment ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi C, hija li l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-attrici ta’ swat, sevizzi, mohqrija li rrendew impossibbli l-hajja konjugali bejniethom. Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jaqbel li l-hajja mizzewga bejniethom m’ ghadhiex aktar possibbli, jeccepixxi li dan huwa unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici, fosthom il-vizzju tal-loghob u adulterju.

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-konjugi C zzewgu fid-29 ta' Dicembru 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat it-tfal D, E, F u G, li rispettivament illum ghandhom circa 15, 12 u 10 snin rispettivament, u G ghadu tarbija ta' xhur.

Jidher li l-inkwiet bejn il-konjugi origina meta l-konvenut dahhal fid-dar taghhom lil certu Joseph Saja biex jghix maghhom ghax dan kien issepara u ma kellux fejn joqghod, u dan kien jghati LM50 fil-gimgha lill-attrici ghall-ispejjez u facendi li kien isir fir-rigward tieghu. Sussegwentement l-attrici rabbiet hbiberija ma' dan Joseph Saja, u r-relazzjonijiet bejn il-konjugi dditerjoraw. Sadanittant l-attrici qabdet il-vizzju tal-loghob u anke kienet tiffrekwenta l-irgiel, inkluz fil-Marsa. Dan gie asserit b' mod elaborat mill-konvenut fix-xhieda tieghu, u ma giex kontradett mill-attrici. Din minn naha taghha allegat li l-konvenut kien isawwatha u jghajjarha anke quddiem in-nies, kif ukoll ma kienx jaghtiha manteniment. Dawn il-fatti ma gewx kontestati mill-konvenut li minn naha tieghu sostna li kien huwa li kien jiehu kura u hsieb tat-tfal filwaqt li l-attrici kienet tkun tiggerra barra anke bil-lejl. Jidher ukoll li l-attrici kienet zviluppat problemi fis-sahha mentali taghha.

In tema legali jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari ghal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. Il-Qorti tosserva li minn ezami tal-provi f' dan ir-rigward, l-adulterju da parti ta' l-attrici jirrizulta sodisfacentement provat.

Illi mill-kwadru premess jidher car li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u ghal dan jahtu kemm l-attrici li hija hatja ta' adulterju u offizi gravi fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll il-konvenut li huwa hati ta' sevizzi fil-konfront ta' l-attrici meta dan kien jhalli lil martu minghajr manteniment. Jigi osservat ukoll li l-fatt, mhux kontestat, allegat mill-attrici li kien il-konvenut li dahhal lill-imsemmi Joseph Saja jghix maghhom fid-dar konjugali kien fattur li kkontribwixxa ghas-sitwazzjoni li waqghet

fiha l-attrici, u ghalhekk il-konvenut ghandu jgorr ir-responsabbilita’ tal-konsegwenzi rizultanti minn dan il-fatt inkonsult tieghu.

**Kura u Kustodja**

In vena legali jigi ossevat li Il-principji regolaturi fil-materja, huma li l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta’ l-eta’ ta’ l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha f’ din il-materja, il-principju dominanti huwa dak ta’ l-aktar utilita’ u dak ta’ l-aqwa vantagg u interess ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu jirrizultaw mill-provi.

Illi gid tat-tfal ghandhu jinkludi mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben essere morai taghhom. L-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interessi tal-kontendenti fil-kawza.

L-Art.47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma bazati fuq dawn il-principji. *[PA[PCP] Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett deciza 11.12.2003]*

Illi f’ dan ir-rigward saru diversi rapporti, u l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta’ Emanuela Borg li tigi n-nanna materna tat-tfal, u bla tlaqliq tighid, li kieku mhux minhabba l-eta’ ta’ din ix-xhud u tar-ragel taghha il-Qorti hija tal-fehma li, hi kienet tkun il-persuna ideonea li tiehu hsieb it-tfal tal-konjugi C. Izda tenut kont ta’ l-eta’ tal-konjugi Borg, kif ukoll tal-fatt li l-konvenut sa issa ha hsieb il-kura u kustodja ta’ uliedu [ghalkemm is-social workers rravvizaw diversi nuqqsijiet fil-konfront tieghu] u tenut kont tal-fatt li l-attrici hija assolutament f’ dan l-istadju inidonea biex tiehu hsieb it-tfal taghha, il-Qorti hija tal-fehma li unikament fl-interess tal-minuri l-kura u kustodja tat-tfal D u E tigi fdata f’ idejn il-konvenut, b’ access liberu akkordat lill-attrici li fil-prezent tghix mal-genituri taghha. Minn naha l-ohra, il-kura u kustodja tal-minuri F u G li ghadu tarbija ghandha jigi fdata f’ idejn in-nanna materna, bil-kondizzjoni li fl-

ebda mument u ghal ebda raguni ma thalli lil minuri G ma' ommu wahdu. Il-konvenut minn naha tieghu jkollu access liberu ghal dawn iz-zewgt itfal. Jkun opportun li fl-interess tal-minuri, l-Agenzija Appogg tibqa' s-segwi lil dawn it-tfal sabiex jigi assigurat il-ben essere morali u materjali taghhom, inkluza l-edukazzjoni taghhom.

**Manteniment**
Illi bl-atteggjament taghha u senjatament l-adulterju, l-attrici inkorriet fuqha l-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap.12, u ghalhekk iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment mill-konvenut.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**
Illi permezz ta' verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2003, il-partijiet qabblu li fil-komunjoni ta' l-akkwisti "ma hemm xejn hlief il-kirja tad-dar matrimonjali."[Fol.46]

**Dar Matrimonjali**
Illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2006, il-Qorti semghet kameralment lil minuri D u E; u hija tal-fehma li f' l-interess ta' dawn il-minuri, dawn ghandhom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali ma' missierhom ad eskluzjoni ta' ommhom.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali 'ad mensa et thoro' bejn il-kontendenti, u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg konjugi kif fuq spjegat;

[2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri D u E f' idejn missierhom il-konvenut bl-access liberu ghall-attrici, u li dawn ghandhom jibqghu jirrisjedu fid-dar matrimonjali ad esklusjoni ta' ommhom; tafda l-kura u kustodja tal-minuri F u G f' idejn in-nanna materna Emanuela Borg, bl-access liberu ghal missierhom il-konvenut, bil-kondizzjoni li l-imsemmija Emanuela Borg tassigura li l-minuri taht il-kustodja taghha ma jithallew qatt ma' ommhom waheda.

[3] tichad it-tielet talba u tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment. Minn naha l-ohra il-konvenut ghandhu jkompli jipprovdi ghall-bzonnijiet kollha tat-tfal kollha tieghu; inkluzi il-minuri li gew fdati fil-kura u kustodja tan-nanna materna, wara li jitnaqqas kull beneficju socjali dovut fir-rigward tal-minuri F u G, liema beneficju ghandu jkun maghmul pagabbli direttament lil l-imsemmija Emanuela Borg.

Tissollecita b' mod qawwi lill-attrici sabiex tiehu l-kura professjonali mehtiega ghal problemi taghha, u wkoll biex ikun hemm ravvicinament bejnha u bejn uliedha bl-iskop li titjeb ir-relazzjoninijiet bejniethom.

Tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni tat-tfal u tirrapporta b' nota dwar l-andament taghhom fi zmien sitt xhur millum, jew anke qabel jekk ikun hemm il-htiega; a spejjez taz-zewg partijiet f' porzjonijiet ugwali.

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba in vista tal-verbal maghmul mill-partijiet fl-udjenza fuq indikata;

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li l-attrici ma gabitx provi f' dan ir-rigward;

[6] Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tiehu kunjom xbubitha, u tordna li ssir id-debita annotazzjoni fir-Registru Pubbliku, biex minn "C" kunjomha jirriverti ghal "Borg".

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------